32005R2079

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 2079/2005

tad-19 ta' Diċembru 2005

li jemenda r-Regolament (KE) 883/2001, ir-Regolament tal-Kunsill Nru 1037/2001 u r-Regolament (KE) Nru 2303/2003 dwar l-estensjoni ta' ċerti derogi marbuta maċ-ċertifikazzjoni, it-tikkettjar u l-proċessi enoloġiċi tal-inbejjed.

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1493/1999 tas-17 ta' Mejju 1999 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq tal-inbid [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 53 u l-Artikolu 68(3) tiegħu,

Wara li kkunsidrat id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2005/798/KE tal-14 ta' Novembru 2005, dwar il-konklużjoni ta' Ftehim fil-forma ta' skambju ta' ittri bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Uniti tal-Amerika dwar kwistjonijiet marbuta mal-kummerċ tal-inbid [2], u b'mod partikolari l-Artikolu 3 tiegħu,

Billi:

(1) Skont l-Artikolu 24(2), l-Artikolu 26 u l-Artikolu 27(2) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 883/2001 tal-24 ta' April 2001 li jippreskrivi regoli dettaljati biex ikun implimentat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1493/1999 dwar il-kummerċ ma' terzi pajjiżi ta' prodotti fis-settur tal-inbid [3], il-proċedura simplifikata li tirrigwarda r-rekwiżiti għat-tfassil u l-użu taċ-ċertifikat u r-rapport ta' analiżi għall-importazzjoni tal-inbejjed tapplika għall-inbejjed impurtati mill-Istati Uniti tal-Amerika sal-31 ta' Diċembru 2005.

(2) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2303/2003 tad-29 ta' Diċembru 2003 fuq regoli speċifiċi tat-tikkettjar ta' nbejjed importati mill-Istati Uniti tal-Amerika [4] jipprovdi għal ċerti derogi temporanji fir-rigward tat-tikkettjar tal-inbejjed, li jiskadu wkoll fil-31 ta' Diċembru 2005.

(3) Minkejja l-Artikolu 45(1) tar-Regolament (KE) Nru 1493/1999, ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1037/2001 tat-22 ta' Mejju 2001, li jawtorizza l-offerta u l-fornitura għall-konsum uman dirett ta' ċerti nbejjed importati li jistgħu jkunu għaddew minn proċessi enoloġiċi mhux provduti fir-Regolament (KE) Nru 1493/1999 [5], jawtorizza l-importazzjoni lejn il-Komunità ta' nbejjed li joriġinaw fl-Istati Uniti tal-Amerika li jkunu għaddew minn ċerti proċessi mhux previsti fir-regoli Komunitarji. Dik l-awtorizzazzjoni tiskadi wkoll fil-31 ta' Diċembru 2005 f'dak li għandu x'jaqsam mal-proċessi enoloġiċi msemmija fil-punt 1(b) tal-Anness għar-Regolament (KE) Nru 1037/2001.

(4) Wara negozjati, Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Uniti tal-Amerika dwar il-kummerċ tal-inbid ġie inizjalat miż-żewġ Partijiet fl-14 ta' Settembru 2005. L-Artikoli 4 u 9 tal-Ftehim se jkomplu jittrattaw l-inbejjed li joriġinaw fl-Istati Uniti bl-istess mod kif huma ttrattati fir-Regolamenti (KE) Nri 883/2001, 1037/2001 u 2303/2003. Madankollu, skont l-Artikolu 17(2) ta' dan il-Ftehim, l-Artikoli 4 u 9 se japplikaw biss mill-ewwel jum tat-tieni xahar wara l-wasla tal-avviż bil-miktub imsemmi fl-Artikolu 6(3) tal-Ftehim. Kien għalhekk meħtieġ li jiġi nnegozjat Ftehim separat fil-forma ta' skambju ta' ittri bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Uniti tal-Amerika dwar kwistjonijiet marbuta mal-kummerċ tal-inbid [6] li jkopru l-perjodu mill-31 ta' Diċembru 2005 sad-data tal-applikazzjoni tal-Artikoli 4 u 9 tal-Ftehim dwar il-kummerċ tal-inbid.

(5) Sabiex jiġi evitat kwalunkwe tfixkil fil-kummerċ, għandhom jiġu adottati dispożizzjonijiet għall-implimemntazzjoni tal-Ftehim fil-forma ta' skambju ta' ittri, u b'mod partikolari, it-tliet derogi previsti fir-Regolament (KE) Nri 883/2001, 1037/2001 u 2303/2003 għandhom jibqgħu fis-seħħ sad-data tal-applikazzjoni tal-Artikoli 4 u 9 tal-Ftehim dwar il-kummerċ tal-inbid imma mhux għal aktar minn tliet snin wara d-data tad-dħul fis-seħħ tal-Ftehim fil-forma ta' skambju ta' ittri.

(6) Ir-Regolamenti (KE) Nri 883/2001, 1037/2001 u 2303/2003 għandhom jiġu emendati skont dan.

(7) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma konformi mal-opinjoni tal-Kumitat ta' Ġestjoni għall-Inbid,

---

[1] ĠU L 179, 14.7.1999, p. 1. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1795/2003 (ĠU L 262, 14.10.2003, p. 13).

[2] ĠU L 301, 18.11.2005, p. 14.

[3] ĠU L 128, 10.5.2001, p. 1. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 1747/2005 (ĠU L 280, 25.10.2005, p. 9).

[4] ĠU L 342, 30.12.2003, p. 5.

[5] ĠU L 145, 31.5.2001, p. 12. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 2324/2003 (ĠU L 345, 31.12.2003, p. 24).

[6] ĠU L 301, 18.11.2005, p. 16.

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Fl-Artikolu 27 tar-Regolament (KE) Nru 883/2001, il-paragrafu 2 jinbidel b'dan li ġej:

"2. L-Artikolu 24(2) u l-Artikolu 26 għandhom japplikaw sad-data tal-applikazzjoni tal-Artikoli 4 u 9 tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Uniti tal-Amerika dwar il-kummerċ tal-inbid imma għal mhux aktar minn tliet snin mid-data tad-dħul fis-seħħ tal-Ftehim fil-forma ta' skambju ta' ittri bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Uniti tal-Amerika dwar kwistjonijiet marbuta mal-kummerċ tal-inbid (*).

(*) ĠU L 301, 18.11.2005, p. 16."

Artikolu 2

Ir-Regolament (KE) Nru 1037/2001 hu emendat b'dan li ġej:

1. It-tieni subparagrafu tal-Artikolu 1(1) jinbidel b'dan li ġej:

"Madankollu, din l-awtorizzazzjoni għandha tibqa' valida biss, fdak li għandu x'jaqsam mal-użu tal-proċessi enoloġiċi elenkati f'1(b) tal-Anness, sad-data tal-applikazzjoni tal-Artikoli 4 u 9 tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Uniti tal-Amerika dwar il-kummerċ tal-inbid imma għal mhux aktar minn tliet snin mid-data tad-dħul fis-seħħ tal-Ftehim fil-forma ta' skambju ta' ittri bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Uniti tal-Amerika dwar kwistjonijiet marbuta mal-kummerċ tal-inbid (*).

(*) ĠU L 301, 18.11.2005, p. 16."

2. Fil-punt 1(b) tal-Anness, il-kliem ta' introduzzjoni "sa mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2003" għandu jinbidel b'dan li ġej:

"sa mhux aktar tard mid-data msemmija fit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 1(1)".

Artikolu 3

It-tieni subparagrafu tal-Artikolu 2 tar-Regolament (KE) Nru 2303/2003 għandu jinbidel b'dan li ġej:

"Huwa għandu japplika sad-data tal-applikazzjoni tal-Artikoli 4 u 9 tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Uniti tal-Amerika dwar il-kummerċ tal-inbid imma għal mhux aktar tard minn tliet snin mid-data tad-dħul fis-seħħ tal-Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Uniti tal-Amerika dwar kwistjonijiet marbuta mal-kummerċ tal-inbid (*).

(*) ĠU L 301, 18.11.2005, p. 16."

Artikolu 4

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 19 ta' Diċembru 2005.

Għall-Kummissjoni
Mariann FISCHER BOEL
Membru tal-Kummissjoni